MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 244/2011

**A B C personalment**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri**
**D B C skond digriet**
**tal-Qorti tat-28 ta' Novembru 2011**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet**
**tas-7 ta' Ottubru, 2011 l-Avukat Dottor Yana**
**Micallef Stafrace u l-Prokuratur**
**Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati**
**bhala bhala kuraturi rapprezentanti**
**l-assenti E B u b'digriet tas-17 ta' Frar, 2012 gie**
**imsejjah fil-kawza F G H**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

1. Illi fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) twieled it-tifel D, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru tnejn tlieta wiehed sebgha (2317) tas-sena elfejn u hdax (2011), hawn anness u mmarkat Dok A.

2. Illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi l-missier tat-tarbija huwa l-intimat E B, filfatt il-missier naturali tal-minuri huwa F G H;

3. Illi r-rikorrenti A B C u l-intimat E B ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar erba' snin u pendenti quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) hemm kawza ghal separazzjoni personali pprezenta mill-istess rikorrenti liema kawza ghandna numru ta' referenza 460/2007;

4. Illi d-dettalji tal-missier naturali F G H fiz-zmien meta twieled il-minuri D, huma s-segwenti Real Estate Agent, self employed, iben il-mejjet Godwin G u Nadya nee Tabone, detentur tal-karta ta' identita' XXXXXX

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara bl-ghajnuna ta' perit nominandi mahtura minnha ghal dan l-iskop illi F G H huwa il-missier naturali tal-minuri D li twieled fl-ewwel (1) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011)

2. Tiddikjara u tordna konsegwentement illi jehtiegu jsiru korrezzjonijiet tac-certifikat tat-twelid tal-minuri D (Att Nru 2317 tal-2011) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri tikkancella l-isem 'E B' u tissostitwih bl-isem 'F G H' u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghal professjoni, sengha, jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferi ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk id-dettalji li sejrin jirrizultaw waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tordna li l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-missier naturali u cioe' G H.

Bl-ispejjez kontra l-intimati jew minn minnhom, ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament jingħad li talanqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa li permezz tagħha A B C ġiet maħtura bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri D B C skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

1. Illi in vena preliminari wkoll huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li F G H jkun imsejjaħ fil-kawża ġaladarba f'din l-istanza qed jintalab li ismu jiġi sostitwit ma dak tal-intimat E B fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri D B C;

2. Illi bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri D B C, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 77D tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri D B C, kienet wettqet adulterju ma' F G H u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-Nicolas G H bħala l-

missier naturali tal-imsemmi minuri D B C, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri D B C ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu li jġib in-numru ta' skrizzjoni 2317 tas-sena 2011;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem E B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 2317 tas-sena 2011;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirrizervaw d-dritt li jippresentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti;

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal- kuraturi deputati Dr Yana Micallef Stafrace u il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi kollha li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Novembru 2011 illi permezz tieghu, in vista ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, awtorizzat lill-attrici sabiex tidher bhala kuratrici ad litem tal-minuri D B C;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Novembru 2011 illi permezz tieghu hatret lil Dr Marisa Cassar sabiex tikkonduci it-testijiet xjentifici, spejjez a karigu ta' l-attrici, sabiex tigi stabbilita il-paternita tal-minuri D B C.

Rat ir-rapport ta' Dr Marisa Cassar minnha ipprezentat u mahluf fid-9 ta' Dicembru 2011.

Ikkunsidrat :

Illi Dr Marisa Cassar illi ikkonduciet it-testijiet xjentifici tad-DNA xehdet bil-gurament illi wara illi ezaminat il-kampjuni orali ta' A B C, D B C u F G H karta ta' l-identita xxxxxxxx, mit-testijiet li ghamlet irrizultalha illi l-istess F G H hu il-missier naturali ta' D B C. Hija xehdet ukoll illi dan ir-rizultat jinsab dikjarat fir-rapport taghha minnha iffirmat.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ix-xiehda ta' l-attrici A B C illi qalet illi hija bdiet proceduri ta' separazzjoni minn ma zewgha E B fis-sena 2007. Hija xehdet illi bdiet relazzjoni intima ma F G H ftit wara il-proceduri ta' separazzjoni ma zewgha u kienu ftehmu illi jkollhom tarbija flimkien u effettivament fl-1 ta' Lulju 2011 kellhom tarbija li semmewha D. Hija

xehdet illi kien ghalhekk illi ipprezentat il-kawza odjerna u dana sabiex kunjom D isir dak ta' missieru u cioe' G H.

Illi xehed ukoll F G H u ikkonferma illi kien iltaqa ma l-attrici u beda relazzjoni maghha fis-sena 2007. F G H xehed illi hu u l-attrici xtaqu illi jkollhom tarbija taghhom u fl-1 ta' Lulju 2011 twieldilhom tifel li semmewh D, illi pero' ha il-kunjom tar-ragel ta' l-attrici u cioe' B. F G H xehed illi huwa jaf illi D huwa ibnu u il-Qorti rat illi effettivament it-testijiet tad-DNA ikkonfermaw illi F G H huwa il-missier naturali tal-minuri D.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tat digriet fit-28 ta' Novembru 2011 illi permezz tieghu awtorizzat lill-attrici sabiex tidher bhala kuratrici ad litem tal-minuri D B C u ghalhekk din l-eccezzjoni giet meghluba.

Illi il-Qorti rat ukoll illi l-eccezzjonijiet kollha l-ohrajn tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ukoll gew meghluba u dana peress illi irrizulta mit-testijiet xjentifici tad-DNA illi F G H, karta ta' l-identita numru XXXXXXX, huwa il-missier naturali tal-minuri D u ghalhekk filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, hlief ghas-sitt eccezzjoni, qeghda tilqa t-talbiet kollha attrici u ghalhekk qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tiddikjara illi F G H huwa il-missier naturali tal-minuri D li twieled fl-1 ta' Lulju 2011. Il-Qorti qeghda tiddikjara u konsegwentement tordna illi isiru il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri D (Att Nru 2317 tal-2011) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier il-minuri jigi ikkancellat l-isem 'E B' u jigi sostitwit bl-isem 'F G H'. Il-Qorti tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghal professjoni, sengha, jew stat iehor, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferi ghal missier il-minuri, jigu korretti kontestwalment billi jigu sostitwiti b'dawk id-dettalji illi ghandu iforni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku F G H. Il-Qorti tordna illi l-kunjom tal-minuri ikun l-istess kunjom tal-

missier naturali u cioe' G H.  Il-Qorti tordna ukoll illi l-kliem '*the said*' li jinsabu qabel isem E B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 2317 tas-sena 2011.  Il-Qorti tordna illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------